# Dalwaqt jisbaħ...

*Dalwaqt jisbaħ,*
*dalwaqt l-Għodwa*
*qalb is-sħab kull daqs kull sura*
*sejra tagħmel il-pittura,*
*dalwaqt timla lill-orjent*
*u kullimkien*
*bid-diluvju ta' l-ilwien,*
*u tal-ferħ u tal-qawmien.*

*Ejja, Majsi, bis-sellum,*
*bħal kull jum*
*onfoħ w itfi lir-ringiela,*
*max-xemx tielgħa*
*li fuq l-ilma ta' ġol-port*
*jagħmlu faxxi bħal kanali*
*ilma w dawl;*
*isma' l-qniepen ta' San Pawl*
*u ta' Liesse*
*qed idoqqu għall-quddies.*

*Int ukoll, ja Poeżija,*
*li fil-lejl tal-ħajja kiefra*
*tixgħel dwal ċkejknin tal-ħniena*
*u tas-sabar u mogħdrija,*
*ġewwa qalbi, itfi d-dwal,*
*għax għalija*
*dalwaqt jisbaħ,*
*dalwaqt l-għodwa ħamranija*
*tkeċċi d-dalma*
*ta' dil-ħajja bla mogħdrija;*
*ġej id-dawl;*
*il-qanpiena ta' San Pawl*
*f'qasir żmien*
*trid iddoqqli għall-qawmien,*
*għal dilluvju ferħ u lwien,*
*'l hemm u 'l hemm,*
*lil hinn mill-qabar*
*fejn bla tmiem hu l-ferħ u s-sabar.*

*Ilmaħ ftit dik il-gawwija*
*barra l-port*
*sejra tofroq*
*il-għelieqi ta' l-idwal;*
*dik hi marti tistennieni!*
*bħalha hieni*
*jien inkun ġo qasir żmien,*
*bħalha niġri kullimkien*
*qalb il-ferħ u qalb l-ilwien,*
*rwejħa ħielsa*
*fuq il-ġwienaħ bajdanija*
*qalb is-sliem, il-ġmiel u d-dija.*

*Niżżikħajr, ja Poeżija;*
*ta' xofftejja*
*ħudha l-bewsa — aħħarija;*
*ħares ftit ġewwa l-orjent,*
*kemm hemm dawl, kemm hemm sbuħija,*
*kemm hemm benna...*
*hemm il-ġenna.*

23. 2. 49. A. Buttigieg.